TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru 138

KAZ NRU 220

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

Il-General Workers' Union
(Taqsima Tessuti, Hwejjeg u Gild)

u

Messrs Blue Bell (M) Ltd

dwar hlas lil
Miss Deborah Grech

Data: 14 ta' Marzu, 1983

Chairman: Mr G A Craig
Membri: Mr J C Saliba
Mr A Guillaumier

B'ittra tat-13 ta' Ottubru, 1982, l-Agent Ministru tax-Xoghol u Servizzi Socjali rrefera lil dan it-Tribunal skond il-provvedementi tat-Taqsima III ta' l-Att Nru XXX tal-1976, u partikolarment tal-Artikolu 26(2) ta' l-istess Att din it-tilwima ta' xoghol bejn il-partijiet fuq imsemmija dwar hlas lill-impjegata tal-kumpanija, Deborah Grech.

2. "Terms of Remit" Il-General Workers' Union issottomettiet dawn it-"Terms of Remit": "Illi l-kumpanija Blue Bell Ltd thallas lis-Sinjorina Deborah Grech is-somma totali tal-"average pay" tal-perijodu li din damet impeduta minn specjalista li ddikjara li l-kawza tal-marda originat mill-impieg taghha mal-kumpanija u peress li l-kumpanija irrifjutat li tbiddilla x-xoghol f'dan l-istess perijodu jew kif jifhem u jidhirlu dan it-Tribunal".

Waqt li l-kumpanija ssottomettijiet dawn il-'Counter Terms of Remit': "Illi l-kumpanija Blue Bell (Malta) Ltd kienet korretta fl-agir taghha fil-konfront tas-Sinjorina Deborah Grech ghall-perijodu li din ma dahlitx ghax-xoghol."

.../2

3. It-Tribunal zamm 4 seduti li fihom il-Union kienet rapprezentata mis-Sinjuri Edmond Mallia u Arthur Micallef waqt li l-kumpanija kienet rapprezentata mis-Sinjur Alfred Fabri mghejjun mis-Sinjuri Frank Dimech u A Attard Montalto.

4. <u>Statements of Case - Ghal Union</u> - gie sottomess li l-kumpanija naqset mid-doveri taghha lejn l-impjegata Deborah Grech billi ma bidlitiliex ix-xoghol taghha minkejja l-parir mediku ta' specjalista b'detriment ghal sahhitha u telfin ta' paga. Din l-impjegata marret, meta bdiet thoss l-ghugieh kemm il-darba kemm ghand it-tabib privat taghha kif ukoll ghand it-tabib tal-kumpanija. Meta l-ghugieh baqa' it-tabib privat taghha irreferiha ghand specjalista li fid-9 ta' Settembru, 1981, iccertifika li din kienet issofri minn "brachial neuralgia" u rrakommandala mill-inqas erba gimghat 'sick leave' (Doks la, lb). Fiz-17 ta' Marzu, 1982, l-istess specjalista irilaxxja certifikat iehor fejn qal li kella iz-zewg derghajn jugghuha minhabba li kella 'dics lesion' f'ghonqa li ila mil-24 ta' Frar, 1982 bis-sick leave, izda is-sintomi ma kienux marru ghal kollox u li l-ilment li kella kien relatat hafna ghax-xoghol li kellha u li jekk tigi lura ghal dak ix-xoghol terga tirkadi u li jekk almenu kemm jista jkun, tibqa fuq xoghol hafif se setghet tidhol ghax-xoghol fis-7 ta' Gunju. Fit-28 ta' Gunju rega ghamel certifikat iehor fejn kien tenna li lilmenti li kellha kienu precepetati mix-xoghol li kellha li kien jinvolvi hafna inbuttar u irfieh u rrikmanda li dan ix-xoghol jigi evitat (Doks 1C, 1D, u 1E).

Il-Union sostniet li wahda mill-klawsoli tal-Ftehim Kolletiv li l-kumpanija kella mal-Ghaqda Haddiema Bluebell, giet miksura min-naha tal-kumpanija meta l-kumpanija ma qaghditx fuq decizjoni ta' specjalista li kella tkun finali (Dok 1F). Sostniet ukoll li l-kumpanija kella l-obbligu morali li tibdel ix-xoghol ta din l-impjegata u dan seta jsir ghax din kienet facli f'kumpanija li timpjega ma l-elf ruh.

<u>Ghal-kumpanija</u> gie sottomess illi fit-22 ta' Marzu, 1976, Deborah Grech impjegat ruha mal-kumpanija bhala "warehouse operator". Fil-5 ta' Lulju, 1976, giet trasferita fuq it-'Tack Loops operation' fejn baqghet sal-lum. Ix-xoghol ta' "Tack Loops" meta Deborah Grech harget bis-sick leave kien jikkonsisti li ggib 'bundle' ta' jeans minn fuq 'rail',

tpoggieh hdejha u wara li tifthu tiehu jeans wiehed wiehed u twahhallhom il-'loops'. Din il-procedura giet illustrata permezz ta' "floor diagram" (Dok 2A) u tpingija li turi l-jeans qabel ma jitwahhlu il-'loops' u wara (Dok 2B). Ippresentat ukoll (Dok 2C) statement li juri li minn 28 persuna li hadmu fuq dan ix-xoghol dawn l-ahhar sentejn kien hemm Deborah Grech u persuna ohra biss li kellhom 'sick leave' ta aktar minn erbat ijiem remotament konnessi mal-irfieh u li dan kien jindika car li l-problema ta' Deborah Grech kienet problema tal-persuna taghha u mhux tax-xoghol, fil-fatt fix-xoghol taghha ta' "Tack Loop operator" hi kienet trid terfa 5 bundles fis-siegha li hu kien terz biss ta' kemm huwa rikjest minn 'operators' ohra. Il-piz medju ta' bundle kien ta' 16 il-kilo u dan kien sostanzjalment anqas mir-'recommended maximum' stabbilt mil-International Labour Organisation li hu madwar 25 kilo u ta' dan giet prodotta 'chart' reprodotta minn ktieb ta' l-I.L.O. "Introduction to Work Study" (Dok 2D). Sostniet il-kumpanija illi anki jekk, ghal grazzja ta' l-argument, kellu jigi accettat li d-disabilita li kellha Deborah Grech kienet ikkawzata mix-xoghol skond il-Conditions of Employment Regulation Act, ma kienitx anqas intitolata ghal 'injury leave' ghax hi la kienet korriet b'disgrazzja fuq ix-xoghol u anqas ma kien il-mard taghha wiehed milli tikkontempla il-ligi kif jidher mill-lista ta' "Industrial Diseases or Injuries" li kopja taghha giet esibita (Dok 3) Ghalhekk il-kumpanija ma kellha ebda alternattiva hlief li tqis li s-Sick Leave ta' Deborah Grech kien wiehed ordinarju u giet mhalsa skond kif kontemplat fil-"Ftehim Kollettiv".

5. It-Tribunal sema dawn ix-xhieda:

Ghal General Workers' Union:-

Dr Daniel Piscopo

Mr A Apap Bologna M.D., F.R.C.S.

Mr L Cilia Debono A/Direttur tax-Xoghol

Ghal-Kumpanija:-

Mrs G Pullicino - Company Nurse

Dr A Felice M.D.

Mr S Dimech - Manufacturing Manager

6. <u>Xhieda fil-Qosor</u>

Dr D Piscopo M.D. qal li hu kien it-tabib kuranti ta' Deborah Grech u li xhur ilu kien invistha u milli tatu x'jifhem kien implikat in-nerv. Kien taha xi kura u qalla biex terga tmur wara xi zmien, izda rrizultat ma kienx posittiv u kien bghatha ghand Mr Apap Bologna u dan ghamilha kura li rrilivja hafna izda mhux mija fil-mija ghax baqghet migugha u qallha biex tibqa mistrieha ghax ix-xoghol taghha ta' tqandil kien kontra-indikat u fl-istat li kienet ma setghetx tahdem. Qal ukoll ix-xhud li dan il-kaz kien rah kollu u mhux fis-sena 1982 biss, u kompla jghid li "ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li kella xi artrite posittiva u bilfors li din kella xi haga fl-opinjoni tieghi li tista tkun zbaljata li n-nerve, il-brachial, kien qed jigi migbud stressed u b'xi mod qed jigi rritat mill-kwalita ta' xoghol li kienet taghmel".

Fuq kontro ezami ix-xhud qal li l-marda li kella Deborah Grech mhix wahda elenkata fil-lista tal-"Industrial Diseases' or Injuries" u zied li Deborah Grech "l-aktar li kellha din mhabba li kienet qed titfa piz fuq idejha: fuq l-upper limb. Tant hu hekk li din meta striehet imbaghad striehet ... meta striehet ghal certu perijodu is-sintomi kolla ghaddew".

<u>Mr A Apap Bologna M.D., F.R.C.S.</u> ghamel referenza ghac-certifikat li kien ghamel hu dwar Deborah Grech, wiehed fiz-17 ta' Marzu, 1982 fejn kien qal li l-pazjenta kella, iz-zewg dirghajn jugghuha minhabba li kella disc lesion f'ghonqha u ghalih kien ippreskriva il-kullar u li minkejja li kienet fuq is-sick leave mill-24 ta' Frar, is-sintomi ma tantx kienu ghaddew ghal kollox u kien semma li l-ilment li kellha kien relatat hafna ghax-xoghol li kellha u li jekk terga tmur ghall-istess xoghol tirkadi u rrikmanda li taghmel xoghol ehfef. Irrefera ghac-certifikat li kien irrilaxxja f'Gunju li l-pazjenta kellha 'disc lesion' f'ghonqha fil-livell tal-5 u 6 vertebra cervikali li kienet irrangat bil-mistrieh u l-uzu tal-kullar u l-fizjoterapija u li s-sintomi kellhom konnessjoni max-xoghol li kellha li jigu aggravati jekk taqghod terfa u timbotta u li kemm jista jkun, ikun ahjar ghalija jekk certu xoghol skabruz jigi evitat biex ma tergax tirkadi. Fit-28 ta' Gunju fejn irrakomanda li xoghol ta' irfieh u mbuttar kemm jista jkun jigi evitat u ghalkemm ma qalx specifikatament li jinbidlilha x-xoghol kien ghamel accenn kbir fuq din il-haga. Mistoqsi jekk l-ilment ta' Deborah Grech kienx wiehed li jaqa' taht l-'Industrial

Diseases' elenkati fil-ligi ix-xhud wiegeb fin-negattiv u li "kaz bhal dan, biex nesprimi opinjoni, nista nghid li dawn l-affarijiet ilhom gejjin ghal hafna zmien" u mistoqsi jekk dan kienx minn natura tax-xoghol jew minn natura tal-bniedem, wiegeb li probabilment tista tkun mit-tnejn izda min-natura tal-bniedem.

Is-Sur L Cilia Debono - Agent Direttur tax-Xoghol qal li l-kumpanija ma rieditx thallas lill Deborah Grech biex ma taghmilx precedent u li kieku kienet fil-lista ta' l-Industrial Diseases kienu jhalsuha: qal ukoll li hu kiteb biex il-marda tidhol fil-lista izda ma qalx x'risposta kellu.

Mrs G Pullicino - Nurse mal-kumpanija qalet li kienet nurse tal-kumpanija izda meta tinnota li jkunu 'occupational diseases' tinforma lill-'Personnel Officer' u lit-tabib tal-kumpanija u meta jkollha dubju tibghathom id-dar u tinforma lit-tabib tal-kumpanija jew specjalista jekk ikun il-kaz. Fil-kaz ta' Deborah Grech, malli cemplet Deborah Grech, cemplet lit-tabib tal-kumpanija u ikkwotat id-dati tas-sick leave ta' din l-impjegata.

Dr Anthony Felice M.D. - Tabib tal-Kumpanija qal li hu kellu istruzzjonijiet li jekk ikun hemm kaz li jidhirlu li jista jkun ta' 'occupational disease' jinforma immedjatament lill-management u jwaqqaf lill-impjegat koncernat mix-xoghol u li matul iz-zmien kemm ilu tabib tal-kumpanija fi tlett snin u nofs forsi kien hemm xi hames jew sitt kazi hekk. Lil Deborah Grech kien ezaminaha f'Settembru 1981, ghax ilmentat minn ugieh fi spallitha tax-xellug wara jumejn mistrieh ma ghaddiliex u rega mar jaraha u sa dan it-tant kienet marret ghand it-tabib privat taghha li kien irranga biex tmur ghand specjalista. Ix-xoghol tieghu kien jibda u jispicca f'dak li jirrigwarda dijonjosi u li jiccertifika is-sick leave.

Is-Sur F Dimech - Manufacturing Manager qal li meta ikun hemm kaz ta' "injury on duty" jew "occupational diseases" ix-xoghol tal-persuna koncernata jrid jinbidel ghal wiehed adikwat ghal marda li l-impjegata jkollha. Din kienet policy.

.../6

Ma setghux jaghatu il-lala li kull min jitlob jibdlulu ix-xoghol ghax kien ikollhom mijiet, izda fejn ihoss l-obbligu anki jekk l-impjegata ma tkunx trid tibdel xogholha hu igielha. Fil-kaz ta' Deborah Grech ic-certifikat kien jghid li jekk tidhol ghax-xoghol ikun ta' detriment ghal-sahhitha u ghalhekk ma dahhaliex lura ghax-xoghol izda meta dahlu l-'bundle trucks' u ma kienx hemm irfieh izjed dina regghet lura ghax-xoghol, zied jghid li ma kienx kompitu tieghu li jghid jekk dak li kellha Deborah Grech kienx rizultat tax-xoghol li kella izda agixxa fuq dak ic-certifikat ta' l-ispecjalista ghalkemm hafna specjalisti jissuggerixxu bidla fix-xoghol u talbiet ghal bidla fix-xoghol kien hemm zmien fejn kienu hafna u bilfors kellhom jieqfu jekk mhux ghal raguni sufficjenti kellhom jigbdu linja.

7. Sottomissjonijiet Finali

Il-Union issottometiet li Deborah Grech sofriet telfien totali fil-paga taghha ngustament mhabba li l-Management ma laqghax ir-rakkomandazzjonijiet ta' l-awtorita medika biex ibidlulha ix-xoghol mhabba li kienet qed issofri minn ugieh li kien kagunat mill-impieg taghha bhala 'operator' li kien jinvolvi irfieh u mbuttar ta' drappijiet, dan ghax il-Management ma kellux post iehor ghalieha ghajr dak li l-Proffessur Apap Bologna impediha li tahdem fuqu. Sostniet il-Union li ma kien hemm ebda dubju li kien ix-xoghol taghha li kien il-kagun tal-marda li minna kienet issofri Deborah Grech u ghaldaqstant ma kienx gust li din inzammet bla paga fuq il-kotba tal-kumpanija mhux ghax ma rieditx hi izda ghax giet mizmuma li tahdem fuq xoghol li kien gie mpedut minn specjalista u l-Management ma pprovdiliex xoghol iehor. Il-Management setgha jitterminalha l-impieg u jerga jimpjegaha, kif fil-fatt ghamel meta gew introdotti il-'bundle trucks' - kieku sar dan almenu kienet tkun tista tiehu l-beneficji li tistabbilixxi il-ligi - dan ma sarx ghalies il-Management kien dubjuz dwar il-kaz u d-dubju ghandu imur favur Deborah Grech. Skond l-ispecjalista ortopediku, is-sintomi tal-ugigh kienu "mainly occupational" u din id-dijanjosi kien qabel maghha it-tabib privat Dr Piscopo. F'ghajnejn il-Union il-Management ha decizjoni arbitrarja biss halli ma jikkreax precedent izda dan ma kienx ikun precedent ghax kien sopportat minn l-aqwa opinjoni medika. Kien minnu li l-marda ta' Deborah Grech

.../7

ma kienitx fil-lista tal-'occupational diseases' izda dan il-kaz seta' jigi trattat bhala 'borderline case' u fuq kollox il-ligi (ic-C.E.R.A.) ma taghmel ebda provvedïment li tawtorizza l-Managements li jzommu sospiz bla paga haddiem li jkun impjegat "on an indefinite contract". Ghalhekk titlob li l-qliegh kollu mitluf minn Deborah Grech ghal perijodu li nzammet barra mix-xoghol jigi mghoti lilha mill-kumpanija.

Ghal-kumpanija gie sottomess li ma kienx minnu li l-kumpanija naqset li tosserva xi klawsola tal-Ftehim Kollettiv ezistenti u fil-fatt Deborah Grech thallset ghal perijodu kollu ta' sick leave li kienet intitolata ghalieh. L-anqas ma setghet il-kumpanija timxi fuq xi obbligu ghajr il-ftehim kollettiv u id-dispozizzjonijiet tal-ligi li japplikaw ghal kaz. Sostniet il-kumpanija li l-fatt li hi ghandha numru kbir ta' haddiema ma jfissirx li tista iccaqlaq lill-haddiema minn post ghall-iehor facilment, anzi jfisser li jkollok izjed problemi u ma tkunx tista taghmel xi tibdil fuq ix-xoghol ghal persuna wahda u ma tkunx lest taghmel l-istess haga ma l-ohrajn kollha. Is-sottomettiet ukoll illi mix-xhieda gie stabbilit minghajr ebda dubju li l-ilment ta' Deborah Grech zgur ma kienx kawzat minn korriment b'disgrazzja li tigri mill-impieg u waqt l-impieg, u inqas ma kien inkluz fil-lista ta' "occupational diseases" elenkati fil-ligi - dan hareg mix-xhieda tat-tlett tobba li dehru quddiem it-Tribunal u fuq kollox dak li kienet tilmenta minnu Deborah Grech, kif qal il-Prof. A. Apap Bologna, seta kien kawzat min-natura ta' l-istess Sinjorina Grech (fol. 17 tax-xhieda) u ghal dawn ir-ragunijiet talbet li t-Tribunal jaghti l-Award favur "it-Terms of Remit" kif sottomess mill-kumpanija.

8. Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal

Dan ma kienx kaz facili xejn ghat-Tribunal. Minn naha wahda ghandu impjegata li ghal zmien ghamlet xoghol ta' rfieh u mbuttar minghajr ma hasset xejn u wara hames snin bdiet issofri b'ugieh f'dirghajha li stabbiliet li kien " Brachial Neuralgia" li seta kien kawzat mix-xoghol, seta biss ix-xoghol ikkontribwixxa xi ftit jew wisq izda ma kienx hemm xhieda li kien il-kawza principali. Minn naha l-ohra ghandna il-kumpanija li ghanda ir-regoli taghha, tal-Ftehim Kollettiv u tal-ligijiet li jirrigwardaw ix-xoghol, li thaddem ghadd sabieh ta' nies u li decizjoni wahda

.../8

zgur tikkostitwixxi precedent li jista jkun ta' hsara ghat-tmexxija sewwa tal-kumpanija bil-problemi kollha li jinholqu kuljum u li ghalihom iridu jinsabu soluzzjoni. It-Tribunal dejjem jiehu in konsiderazzjoni dak li jirrizulta mix-xhieda u dak li jisma fuq il-meritu tal-kaz. L-ispecjalista ortopediku mistoqsi mit-Tribunal jekk l-ilment ta' Deborah Grech kienx kagunat minn-natura tax-xoghol jew minn natura tal-bniedem, wiegeb "probabilment tista tkun mit-tnejn. Naturalment minn natura tal-bniedem" u din it-twegiba thalli mhux dubju kbir izda tfisser li x-xoghol li kellha <u>geta</u> biss ikkontribwixxa xi ftit jew wisq. Fil fatt il-kumpanija esebixxiet statement (Dok 2C) fejn uriet li min 28 impjegat fuq l-istess xoghol wahda hasset wgieh f'dirghajha u ghaddielha f'jumejn u ohra li kella ugieh f'ghonqa. Dan ma jurix li kien xi ilment generali kawzat mix-xoghol. Fix-xhieda tieghu l-Agent Direttur tax-Xoghol qal li hu kiteb biex l-ilment ta' Deborah Grech - 'Brachial Neuralgia' tigi mdahhla fil-lista ta' mard li jigi mix-xoghol (Industrial Diseases) izda ma qalx xi twegiba kellu. Il-kumpanija ma dehritx li kella triq ohra ghajr dik li hadet li timxi mal-ligijiet minghajr taghmel eceezzjoni ta' xejn ghax precedent wiehed generalment jghati lok ghal sensiela ta' kazi simili li jkunu ta' tfixkil ghal operazzjoni serja ta' kumpanija. Dura lex sed lex.

9. <u>AWARD</u>

Fic-cirkostanzi it-Tribunal isib favur it-Terms of Remit kif gew sottomessi mil-kumpanija Blue Bell (M) Ltd, ad eccezzjoni li Deborah Grech ghanda tigi mghotija is-somma ta' £200 (mitejn lira) bhala kumpens (ex gratia ) tal-perijodu li ma thallitx tidhol ghax-xoghol meta hi riedet tidhol, qabel ma gew introdotti 'il-bundle trucks'.

A. Bartolo Parnis
Segretarju

G ~~A~~ CRAIG
(Chairman)

A Guillaumier
(Membru)

J C Saliba
(Membru)

Data: 14 ta' Marzu, 1983

ja